# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MACIEJA SZPUNAR
ippreżentati fit-8 ta' April 2014[1]

**Kawża C-377/13**

**Ascendi Beiras Litoral e Alta, Auto Estradas das Beiras Litoral e Alta, SA**
**vs**
**Autoridade Tributária e Aduaneira**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (il-Portugall)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kunċett ta' "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE — Tribunal Arbitral Tributário — Ammissibbiltà — Direttiva 69/335/KEE — Taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital — Dazju fuq il-kapital — Operazzjonijiet eżenti — Possibbiltà ta' introduzzjoni mill-ġdid ta' dazju fuq il-kapital"

1. Din il-kawża tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlatur Portugiż għandux il-possibbiltà li jintroduċi mill-ġdid it-taxxa tal-boll — imħassra fl-1991 — fuq l-operazzjonijiet għaż-żieda tal-kapital azzjonarju tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju, abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital[2], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 85/303/KEE, tal-10 ta' Ġunju 1985, li temenda d-Direttiva 69/335/KEE[3]. Din il-kwistjoni tidher li hija relattivament sempliċi biex tiġi solvuta abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u tal-istat attwali tal-ġurisprudenza. Il-problema iktar serja hija dik tal-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa f'din il-kawża, fid-dawl tan-natura partikolari tal-korp li għamel din it-talba.

2. Konsegwentement, f'dawn il-konklużjonijiet, ser nittratta fl-ewwel lok il-kwistjoni dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar id-domanda preliminari, qabel ma nittratta fil-qosor il-mertu tal-kawża u nipproponi risposta.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Dritt tal-Unjoni*

3. Il-leġiżlazzjoni applikabbli *ratione temporis* għal din il-kawża toħroġ mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 69/335, kif emendata bid-Direttiva 85/303. Id-Direttiva 69/335 tarmonizza, fl-Istati Membri, id-dazju li jinġabar minn fuq il-kapital tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju, imsejħa, fl-Artikolu 1 tagħha, "dazju kapitali".

1 — Lingwa oriġinali: il-Pollakk.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 11.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 122.

4. Skont l-Artikolu 4(1)(ċ) u l-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 69/335:

"1. L-operazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għad-dazju kapitali:

[…]

(ċ) żieda fil-kapital ta' kumpannija kapitali bil-kontribuzzjoni ta' assi ta' kull tip;

[…].

2. Is-segwenti transazzjonijiet jistgħu, sakemm kienu ġew intaxxati bir-rata ta' 1 % sal-1 ta' Lulju 1984, jissoktaw ikunu bla ħsara għad-dazju kapitali,

a) żieda fil-kapital ta' kumpannija kapitali permezz tal-kapitalizzazzjoni tal-profitti jew ta' riservi permanenti jew temporanji;

[…]".

5. L-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 69/335 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw mid-dazju kapitali transazzjonijiet, barra dawk li għalihom saret referenza fl-Artikolu 9, li huma sal-1 ta' Lulju 1984, eżenti jew intaxxati b'kull rata ta' 0.50 % jew inqas.

[…]

2. L-Istati Membri jistgħu jew jeżentaw mid-dazju kapitali kull transazzjoni barra dawk li għalihom saret referenza fil-paragrafu 1, jew iżżomm dazju fuqhom b'rata waħda li ma taqbiżx il-1 %.

[…]".

6. Skont l-Artikolu 10 tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq:

"Barra d-dazju kapitali, l-Istati Membri m'għandhom jimponu ebda ntaxxar affattu, fir-rigward ta' kumpanniji, ditti, assoċjazzjonijiet jew persuni ġuridiċi li jaħdmu għal profit:

a) fir-rigward ta' l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4;

[…]".

*Dritt Portugiż*

Dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istatus tal-korp tar-rinviju

7. Skont l-informazzjoni inkluża fid-digriet tar-rinviju u fl-osservazzjonjiet tal-Gvern Portugiż, l-istabbiliment ta' sistema ta' qrati ta' arbitraġġ fil-qasam fiskali sar possibbli permezz tal-awtorizzazzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 124 tal-liġi Nru 3-B/2010, tat-28 ta' April 2010, li tistabbilixxi l-baġit għas-sena 2010 (Lei nº3-B/2010, de 28 de abril de 2010, Orçamento do Estado

para 2010[4], iktar 'il quddiem il-"liġi Nru 3-B/2010"). Din id-dispożizzjoni tiddefinixxi l-arbitraġġ bħala "forma alternattiva ta' riżoluzzjoni ġudizzjarja tat-tilwimiet fil-qasam fiskali". Skont l-Artikolu 124(4)(a) sa (q) ta' din l-istess liġi, l-arbitraġġ għandu jkopri kull tip ta' tilwima bejn il-persuni taxxabbli u l-awtorità tat-taxxa.

8. Abbażi tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt preċedenti, id-Digriet-Liġi Nru 10/2011, tal-20 ta' Jannar 2011, li jirrigwarda l-approvazzjoni tas-sistema legali tal-arbitraġġ fiskali (Decreto-Lei n.º 10/2011, de 20 de janeiro de 2011, Regula o regime jurídico da arbitragem em matéria tributária[5], iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 10/2011") ġie adottat. Dan id-digriet-liġi jirregola l-ġurisdizzjoni, il-metodi tal-ħatra u r-regoli tal-funzjonament tal-qrati ta' arbitraġġ fil-qasam fiskali kif ukoll l-effetti tad-deċiżjonijiet tagħhom u r-rimedji possibbli kontra dawn. Id-dispożizzjonijiet essenzjali tad-Digriet-Liġi Nru 10/2011 ser jiġu ttrattati fil-parti f'dawn il-konklużjonijiet li hija ddedikata għall-eżami tal-ammissibbiltà tar-rinviju preliminari.

Dispożizzjonijiet dwar id-dazju fuq il-kapital

9. Fl-1 ta' Lulju 1984, iż-żieda tal-kapital azzjonarju tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju kienet suġġetta fil-Portugall għal taxxa tal-boll ta' 2 % u ż-żieda tal-qligħ kapitali kienet eżentata. Fl-1991, iż-żieda tal-kapital azzjonarju tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju, fi kwalunkwe forma, ġiet eżentata.

10. Fil-proċedura f'din il-kawża, id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 150/99, tal-11 ta' Settembru 1999, li jintroduċu kodiċi dwar it-taxxa tal-boll (Lei n.º150/99, de 11 de setembro de 1999, Aprova o Código do Imposto do Selo[6]), fil-verżjoni fis-seħħ għall-perijodu 2004-2006, huma applikabbli. L-Anness III ta' din il-liġi, intitolat, "Tabela Geral do Imposto do Selo (em euro)" [tariffa ġenerali dwar it-taxxa tal-boll (f'ewros)] jiffissa l-ammont ta' taxxa tal-boll fuq id-diversi operazzjonijiet irregolati minnha. Skont id-Digriet-Liġi Nru 322-B/2001, tal-14 ta' Diċembru 2001, (Decreto-Lei n.º322-B/2001, de 14 de dezembro de 2001[7]), il-punt 26 żdied f'dan l-anness; il-punt 26.3 tiegħu kien ifformulat kif ġej:

"Żieda tal-kapital azzjonarju ta' kumpannija b'kapital azzjonarju bil-kontribuzzjoni ta' assi ta' kull tip fuq il-valur attwali tal-assi ta' kull tip ikkontribwiti jew li għandhom jiġu kkontribwiti mill-membri, wara t-tnaqqis tar-responsabbiltajiet assunti u tal-ispejjeż magħmula mill-kumpannija bħala riżultat ta' kull kontribuzzjoni:0.4 %[8]".

## Il-fatti u l-iżvolġiment tal-proċedura

*Fatti, proċedura fil-kawża prinċipali u domanda preliminari*

11. Ascendi Beiras Litoral e Alta, Auto Estradas das Beiras Litoral e Alta SA (iktar 'il quddiem il-"kumpannija Ascendi"), kumpannija b'kapital azzjonarju rregolata mid-dritt Portugiż, wettqet, bejn il-15 ta' Diċembru 2004 u d-29 ta' Novembru 2006, erba' operazzjonijiet ta' żieda tal-kapital tagħha permezz ta' konverżjoni, f'kapital azzjonjarju, tal-ammonti dovuti lill-azzjonisti mill-kumpannija. Il-kumpannija Ascendi ħallset, minħabba dawn l-operazzjonijiet, taxxa tal-boll li tammonta għal total ta' EUR 203 796.

4 — *Diário da República*, 1. seria, nº 82, p. 1466-(111).

5 — *Diário da República*, 1. seria, nº 14, p. 370.

6 — *Diário da República*, I, seria A, nº 213, p. 6264.

7 — *Diário da República* I, seria A, nº 288, p. 8278-(12).

8 — Il-punt 26 tat-tariffa ġenerali dwar it-taxxa tal-boll ġie sussegwentement emendat u finalment imħassar, iżda dan il-fatt mhux rilevanti f'dan il-każ.

12. Fit-28 ta' Marzu 2008, il-kumpannija Ascendi talbet li l-Autoridade Tributária e Aduaneira (awtorità tat-taxxa Portugiża) tirrimborsa dan l-ammont flimkien mal-interessi. Din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Awwissu 2012, li hija s-suġġett tal-proċedura fil-kawża prinċipali. Fit-3 ta' Diċembru 2012, il-kumpannija Ascendi talbet sabiex jiġi kkostitwit tribunal ta' arbitraġġ u sabiex tiġi annullata d-deċiżjoni ċċitata iktar 'il fuq.

13. Ir-rikorrenti tinvoka l-illegalità tad-deċiżjoni tas-6 ta' Awwissu 2012 minħabba l-fatt li, fl-opinjoni tagħha, il-leġiżlatur Portugiż ma setax b'mod validu jintroduċi mill-ġdid, fl-2001, taxxa tal-boll fuq l-operazzjonijiet ta' żieda tal-kapital azzjonarju tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju li kienet tneħħiet fl-1991. L-awtorità tat-taxxa tqis madankollu li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva jippermetti li jiġi introdott mill-ġdid dazju fuq il-kapital fuq l-operazzjonijiet li kienu suġġetti għal tali dazju fl-1 ta' Lulju 1984, minkejja l-fatt li dawn ġew eżentati wara din id-data.

14. F'dan il-kuntest, it-Tribunal Arbitral Tributário ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikoli 4(1)(ċ) u (2)(a), 7(1) u 10(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969 (kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 85/303/KEE, tal-10 ta' Ġunju 1985), jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħad-Digriet-Liġi Nru 322-B/2001, tal-14 ta' Diċembru 2001, li ssuġġettat għal taxxa tal-boll iż-żidiet tal-kapital tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju permezz tal-konverżjoni, f'kapital azzjonarju, tal-pretensjonijiet tal-azzjonisti fir-rigward ta' servizzi anċillari mwettqa preċedentement favur il-kumpannija, minkejja li dawn is-servizzi anċillari twettqu b'kontribuzzjoni bi flus, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, fl-1 ta' Lulju 1984, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet issuġġettat lil dawn iż-żidiet tal-kapital, imwettqa b'dan il-mod, għal taxxa tal-boll, bir-rata ta' 2 %, u li, f'din l-istess data, hija kienet teżenta mit-taxxa tal-boll iż-żidiet tal-kapital imwettqa b'kontribuzzjoni fi flus?"

*Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

15. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet fit-3 ta' Lulju 2013. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-kumpannija Ascendi, mill-Gvern Portugiż u mill-Kummissjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma torganizzax seduta għas-sottomissjonijiet orali.

## Analiżi

*Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar id-domanda preliminari*

Osservazzjonijiet preliminari

16. F'din il-kawża, l-ammissibbiltà tar-rinviju preliminari ma hijiex ikkontestata. Madankollu, it-Tribunal Arbitral Tributário jirrikonoxxi huwa stess fid-digriet tar-rinviju li din il-kwistjoni tista' toħloq dubji u joffri ċertu numru ta' argumenti sabiex jiġġustifika l-klassifikazzjoni tiegħu bħala "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" skont l-Artikolu 267 TFUE. Il-Gvern Portigiż u l-Kummissjoni wkoll eżaminaw din il-problema fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom u jaslu għall-konklużjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq id-domanda preliminari li saret.

17. Id-dubji f'dan ir-rigward huma marbuta mal-fatt li t-Tribunal Arbitral Tributário ma jagħmilx parti mis-sistema bażika tal-qrati ġudizzjarji u amministrattivi fil-Portugall iżda jikkostitwixxi "forma alternattiva ta' riżoluzzjoni ġudizzjarja tat-tilwimiet fil-qasam fiskali" — kif huwa ddefinit mil-Liġi Nru 3-B/2010. Din il-forma alternattiva ta' riżoluzzjoni tat-tilwimiet hija bbażata, kif jindika l-bqija tal-isem stess tal-korp tar-rinviju, fuq l-użu ta' ċerti tekniċi tal-arbitraġġ għar-riżoluzzjoni ta' tilwimiet

bejn persuna taxxabbli u awtorità tat-taxxa. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja — li ser niġi għaliha iktar tard f'dawn il-konklużjonijiet — il-qrati ta' arbitraġġ stabbiliti permezz ta' ftehim ma jikkostitwixxux qorti jew tribunal ta' Stat Membru skont l-Artikolu 267 TFUE u l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar id-domandi preliminari ta' tali istanzi.

18. Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk in-natura partikolari tat-Tribunal Arbitral Tributário teskludihx milli jkun jista' jagħmel quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE.

Impossibbiltà għall-qrati ta' arbitraġġ li jagħmlu talbiet għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Qabelxejn għandu jiġi enfasizzat li s-sempliċi fatt li jiġu użati, fl-isem tal-korp, it-termini "arbitraġġ" jew "arbitru" ma jfissirx neċessarjament li dan huwa qorti ta' arbitraġġ *sensu stricto*. Fil-fatt, korpi nazzjonali responsabbli għar-riżoluzzjoni tal-kawżi jistgħu jagħmlu użu, fil-kuntest tal-attività tagħhom, mir-regoli tal-proċedura li jikkaratterizzaw lill-qrati ta' arbitraġġ (pereżempju, possibbiltà għall-partijiet sabiex jaħtru wħud mill-membri tal-qorti, proċedura ssemplifikata u proċedura f'istanza waħda). Dan it-tip ta' "arbitraġġ" għandu jiġi distint mill-arbitraġġ *sensu stricto* li huwa bbażat fuq is-setgħa (ir-rieda) tal-partijiet li jissottomettu l-kontroversja għar-riżoluzzjoni quddiem qorti li ma hijiex tal-istat (privata). Din id-distinzjoni hija fundamentali sabiex jiġi kklassifikat il-korp fid-dawl tal-Artikolu 267 TFUE.

20. Fis-sentenza tagħha tal-1982 fil-Kawża Nordsee[9], il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet li tribunali ta' arbitraġġ stabbiliti permezz ta' ftehim bejn il-partijiet ikunu jistgħu jressqu talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 177 KE (issa l-Artikolu 267 TFUE). F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kklassifikatx lill-arbitru bħala "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" fis-sens tat-Trattat, peress li r-rabta tiegħu mas-sistema tar-rimedji legali kienet wisq dgħajfa[10]. Din il-ġurisprudenza ġiet ikkonfermata sussegwentement fis-sentenzi Eco Swiss[11] u Denuit u Cordenier[12].

21. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li huma biss l-awtoritajiet tal-Istati Membri jew l-organi inkarigati minn dawn l-Istati jwettqu l-kompiti fil-qasam tal-protezzjoni legali li jistgħu jressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari, sa fejn l-Istati Membri huma responsabbli għall-applikazzjoni u għar-rispett tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju tagħhom. Issa, il-qrati ta' arbitraġġ fis-sens strett la huma awtoritajiet tal-Istati Membri u lanqas huma organi li jiżguraw, f'isem dawn l-Istati, it-twettiq ta' kompiti fil-qasam tal-protezzjoni legali, iżda huma istituzzjonijiet privati.

22. Fl-istess ħin, f'waħda mill-ewwel sentenzi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" fil-kuntest tal-ammissibbiltà tar-rinviji preliminari, u iktar preċiżament fis-sentenza Vaassen Göbbels[13] tal-1966, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet il-possibbiltà ta' rinviju preliminari li ġej minn korp ta' arbitraġġ stabbilit taħt id-dritt pubbliku. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fl-istess sens f'kawżi oħra[14] u, reċentement, fid-digriet tagħha Merck Canada[15], il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet ir-rinviju preliminari li kien ġej minn organu Portugiż li l-istatus tiegħu huwa simili, għalkemm mhux identiku, għal dak tat-Tribunal Arbitral Tributário.

9 — Sentenza Nordsee, 102/81, EU:C:1982:107.

10 — Ara l-punti 10 sa 13 tas-sentenza. L-elementi intiżi sabiex tiġi eskluża l-ammissibbiltà tar-rinviji preliminari li ġejjin minn qrati arbitrali ssemmew fid-dettall mill-Avukat Ġenerali G. Reischl, fil-konklużjonijiet tiegħu f'Nordsee (102/81, EU:C:1982:31).

11 — Sentenza Eco Swiss, C-126/97, EU:C:1999:269, punt 34.

12 — Sentenza Denuit u Cordenier, C-125/04, EU:C:2005:69, punt 13.

13 — Sentenza Vaassen-Göbbels, 61/65, EU:C:1966:39.

14 — Ara pereżempju s-sentenza Handels- og Kontorfunktionærernes Forbund i Danmark, 109/88, EU:C:1989:383, punti 7 sa 9.

15 — Digriet Merck Canada, C-555/13, punti 15 sa 25, EU:C:2014:92.

23. Kif għandu jiġi kklassifikat f'dawn iċ-ċirkustanzi it-Tribunal Arbitral Tributário fid-dawl tal-ġurisprudenza li għadha kemm issemmiet?

24. Nibda billi nosserva li n-natura tal-arbitaġġ *sensu stricto* hija n-natura mhux statali tiegħu. Il-qrati tal-arbitraġġ huma qrati privati inkarigati, minflok il-qrati Statali u skont ir-rieda tal-partijiet, sabiex jeżaminaw u jsolvu kontroversji [16].

25. L-ewwel waħda minn dawn il-karatteristiċi tfisser li l-ġurisdizzjoni ta' qorti tal-arbitaġġ toriġina minn ftehim (klawżola ta' arbitaġġ). Il-partijiet — fil-kuntest tal-awtonomija tar-rieda — jieħdu deċiżjoni li jissottomettu tilwima għall-ġurisdizzjoni ta' qorti tal-arbitraġġ. Huma jistgħu wkoll jiddefinixxu l-prinċipji tal-funzjonament tal-qorti tal-arbitraġġ, ir-regoli tal-proċedura kif ukoll il-prinċipji li fuqhom il-qorti tal-arbitaġġ ser tieħu deċiżjoni fuq il-mertu tal-kawża. Meta jissottomettu t-tilwima tagħhom lil qorti tal-arbitraġġ, il-partijiet jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jissottomettu t-tilwima tagħhom quddiem qorti Statali u għaldaqstant għar-rimedji legali previsti mill-Istat [17].

26. Il-fatt li l-partijiet issottomettew kontroversja quddiem il-ġurisdizzjoni ta' qorti tal-arbitraġġ jimplika fil-fatt li huma eskludew f'dan ir-rigward il-ġurisdizzjoni tal-qrati Statali. Fl-assenza tal-klawżola tal-arbitraġġ, il-kontroversja ta' bejn il-partijiet taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati Statali. Il-qorti tal-arbitraġġ hija għaldaqstant qorti privata. Għandu jiġi enfasizzat il-fatt li l-possibbiltà stess li tiġi sottomessa kontroversja għall-arbitraġġ għandha tirriżulta mid-dispożizzjonijiet legali. Dawn id-dispożizzjonijiet jiddefinixxu b'mod partikolari t-tip ta' tilwimiet li jistgħu jiġu sottomessi għall-arbitraġġ ("zdatność arbitrażowa", "arbitrability", "arbitrabilité", "Schiedsfähigkeit"). Prinċipalment jirrigwardaw tilwimiet li huma rregolati mid-dritt privat [18].

27. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ma nqisx li hemm lok li t-Tribunal Arbitral Tributário jitqies bħala qorti tal-arbitraġġ fis-sens strett, li, b'dan is-sempliċi fatt, ma jistax b'mod validu jagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE.

28. Din il-konklużjoni hija ssostanzjata prinċipalment mill-fatt li din ma hijiex qorti maħluqa skont ftehim bejn il-partijiet iżda abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Portugiż iċċitati fil-punti 7 u 8 ta' dawn il-konklużjonijiet. L-arbitraġġ fil-qasam fiskali huwa ċertament forma alternattiva ta' riżoluzzjoni tat-tilwimiet, fis-sens li r-rikorrent, f'dan il-każ il-persuna taxxabbli, għandu l-possibbiltà li jagħżel it-triq tal-arbitraġġ jew qorti amministrattiva. Madankollu, din l-għażla tar-rimedji legali hija prevista fil-liġi u hija miftuħa għall-persuni taxxabbli kollha għal kull tilwima li taqa' taħt l-Artikolu 124(4)(a) sa (q) tal-Liġi Nru 3-B/2010 u ma tiddependix mill-espressjoni minn qabel tar-rieda tal-partijiet sabiex jissottomettu l-kontroversji tagħhom għall-arbitraġġ.

29. It-tip ta' relazzjonijiet legali li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan it-tribunal, jiġifieri dawk fil-qasam fiskali, ukoll jeskludi li t-Tribunal Arbitral Tributário jiġi kklassifikat bħala qorti tal-arbitraġġ *sensu stricto*. F'dan il-qasam, b'mod differenti mir-relazzjonijiet li huma rregolati mid-dritt privat, mhux biss il-metodi tar-riżoluzzjoni tat-tilwimiet iżda wkoll u qabel kollox l-eżistenza stess tar-relazzjoni legali u l-kontenut tagħha ma jirriżultawx mir-rieda tal-partijiet iżda huma rregolati esklużivament permezz ta' dispożizzjonijiet legali li jassoċjaw awtomatikament il-ħolqien ta' obbligu fiskali ma' ċerti avvenimenti. Fil-fatt, dan il-qasam ma jippreżentax, min-natura tiegħu, l-arbitrabbiltà li tippermetti li jiġu sottomessi t-tilwimiet li jkunu qamu f'dak ir-rigward għal deċiżjoni ta' qorti stabbilita permezz tar-rieda tal-partijiet.

16 — Dwar in-natura tal-arbitaġġ, ara b'mod partikolari: T.E. Carbonneau, *The Law and Practice of Arbitration*, New York 2007, T. Ereciński, K. Weitz, *Sąd arbitrażowy*, Varsavja 2008, J.P. Lachmann, *Handbuch für die Schiedsgerichtspraxis*, Köln 2008, A. Szumański (red.), *Arbitraż handlowy*, Varsavja 2010.

17 — T. Ereciński, K. Weitz, *op. cit.*, p. 21.

18 — Id-dottrina tqis prinċipalment il-kwistjoni dwar jekk jirrigwardawx esklużivament tilwimiet dwar proprjetà jew ukoll tilwimiet mhux relatati ma' proprjetà, iżda ma tqumx il-kwistjoni dwar l-arbitrabbiltà tat-tilwimiet fil-qasam fiskali. Ara A. Szumański (red.), *op.cit.*, p. 8-9. Ara wkoll B. Hanotiau, L'arbitrabilité, *Recueil des Cour de l'Académie de Droit International de la Haye*, Vol. 296 (2002), La Haye 2003.

30. Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnotat li fil-qasam fiskali, waħda mill-partijiet hija dejjem awtorità tal-Istat, li taġixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet marbuta mas-setgħa pubblika peress li t-tassazzjoni u l-ġbir tat-taxxi llum huma prerogattiva rriżervata għall-Istat. Dan il-fatt huwa biżżejjed sabiex jipprova li korp inkarigat sabiex isolvi t-tilwimiet f'dan il-qasam, bħat-Tribunal Arbitral Tributário, ma huwiex qorti privata.

31. L-affermazzjoni li t-Tribunal Arbitral Tributário ma huwiex qorti tal-arbitraġġ fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet ma tippreġudikax madankollu l-klassifikazzjoni tagħha bħala qorti jew tribunal ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Sabiex tkun tista' tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi eżaminat jekk il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward humiex ssodisfatti. Ċerti dubji jistgħu jirriżultaw fir-rigward b'mod partikolari tal-elementi marbuta mal-funzjoni tal-organu eżaminat u li jagħmel użu minn tekniċi li jikkaratterizzaw dawk użati f'qorti tal-arbitraġġ.

Rekwiżiti li jippermettu li l-korp tar-rinviju jiġi kklassifikat bħala qorti jew tribunal ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE

32. Il-kunċett ta' "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, iżda la t-trattati u lanqas il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jinkludu d-definizzjoni ġenerali ta' dan it-terminu. Fid-dawl tad-diversità tal-organi inkarigati, fid-diversi Stati Membri, mir-riżoluzzjoni tat-tilwimiet, għandu jiġi kkunsidrat kemm hija possibbli u neċessarja tali definizzjoni.

33. Fl-assenza ta' definizzjoni ġenerali ta' dan il-kunċett, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha — f'każ ta' dubju — tevalwa każ b'każ jekk il-korp li għamlilha domanda preliminari kienx effettivament awtorizzat jagħmel dan[19]. Madankollu fil-kuntest ta' din il-ġurisprudenza, ġie żviluppat sett ta' rekwiżiti, liema rekwiżiti, mingħajr ma huma determinanti jew eżawrjenti, jipprovdu punt ta' riferiment sabiex tiġi stabbilita n-natura legali ta' korp li jkun għamel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu diġà jiġu kkunsidrati bħala "kkodifikati" permezz ta' ġurisprudenza stabbilita sew[20] u huma wkoll imsemmija fil-punt 9 tar-Rakkomandazzjonijiet lill-qrati nazzjonali, dwar il-bidu tal-proċeduri għal deċiżjoni preliminari[21].

34. Għaldaqstant għandu jiġi eżaminat jekk ir-rekwiżiti li jippermettu l-klassifikazzjoni tat-Tribunal Arbitral Tributário bħala qorti jew tribunal ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE humiex issodisfatti. Hemm lok, f'dan ir-rigward, li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, kif diġà fakkart, is-sistema alternattiva tar-riżoluzzjoni tat-tilwimiet fil-qasam fiskali maħluqa fid-dritt Portugiż tagħmel użu minn tekniċi u regoli tal-proċedura li huma karatteristiċi tal-qrati tal-arbitraġġ u huma differenti mill-prinċipji dwar il-funzjonament tal-qrati tradizzjonali. L-għan huwa li din is-sistema tippermetti riżoluzzjoni rapida tat-tilwimiet u jekk huwa possibbli bl-inqas spejjeż, biex b'hekk tiġi pprovduta alternattiva ġenwina minflok qrati amministrattivi. Din in-natura speċifika għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-eżami tal-kwistjoni dwar jekk id-diversi rekwiżiti ġewx issodisfatti.

19 — L-Avukat Ġenerali D. Ruiz-Jarabo Colomer, fil-konklużjonijiet tiegħu De Coster (C-17/00, EU:C:2001:366) analizza fid-dettall, għalkemm taħt lenti kritika, il-ġurisprudenza f'dan il-qasam.

20 — Ara b'mod partikolari: is-sentenza Dorsch Consult, C-54/96, EU:C:1997:413, punt 23; is-sentenza Syfait *et*, C-53/03, EU:C:2005:333, punt 29; is-sentenza Forposta (ex Praxis) u ABC Direct Contact, C-465/11, EU:C:2012:801, punt 17.

21 — ĠU 2012, C 338, p. 1.

– Oriġini legali u permanenza tal-korp

35. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita b'domandi preliminari biss minn korp stabbilit b'mod permanenti abbażi tad-dispożizzjonijiet legali ta' Stat Membru. Din il-kundizzjoni hija, fl-opinjoni tiegħi, issodisfatta. Kif indikajt fil-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-arbitraġġ fil-qasam fiskali jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 3-B/2010 u d-Digriet-Liġi Nru 10/2011. Dawn l-atti jistabbilixxu sistema permanenti ta' arbitraġġ fil-qasam fiskali u jiddefinixxu preċiżament il-prinċipji tal-funzjonament tagħha.

36. Konkretament, il-membri li għandhom jieħdu deċiżjoni ċertament huma magħżula fuq bażi individwali għal kull kawża fuq talba tal-persuna taxxabbli kkonċernata, iżda d-dritt tal-persuna taxxabbli li titlob għall-istabbiliment ta' qorti tal-arbitraġġ kif ukoll il-metodu tal-ħatra tal-membri tagħha jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet legali. It-talba tal-persuna taxxabbli hija biss l-att li tagħti bidu għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

37. Il-kwistjoni dwar il-permanenza tat-Tribunal Arbitral Tributário tista' toħloq l-istess riżervi: peress li l-membri konkretament magħżula sabiex jiddeċiedu jeżistu biss għal bżonn ta' kawża waħda, jista' dan il-korp jiġi kkunsidrat bħala permanenti? Madankollu, ma naħsibx li din il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata mill-perspettiva tad-diversi membri magħżula sabiex jiddeċiedu f'kawżi speċifiċi iżda minn angolu sistematiku [22]. It-Tribunal Arbitral Tributário ma huwiex qorti *ad hoc* iżda biss element minn sistema ta' riżoluzzjoni tat-tilwimiet, li — għalkemm l-attivitajiet tagħha jsiru taħt kompożizzjoni ta' qorti effimera li tispiċċa fl-istess waqt li jispiċċa l-każ li huma kienu maħtura sabiex jiddeċiedu — huwa, fit-totalità tiegħu, ta' natura permanenti.

– Natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tal-korp

38. Skont il-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jkun obbligatorju għall-partijiet li jissottomettu l-kontroversji tagħhom lill-korp li għamel domanda preliminari; dan ma għandux għaldaqstant jirriżulta mir-rieda tagħhom biss, kif inhuwa l-każ għall-qrati tal-arbitraġġ *sensu stricto*. Dan il-każ jirrigwarda korp li jikkostitwixxi element minn "sistema alternattiva ta' riżoluzzjoni tat-tilwimiet" fil-qasam fiskali. Fi kliem ieħor, il-persuna taxxabbli li tixtieq soluzzjoni legali għat-tilwima kontra l-awtorità tat-taxxa għandha l-għażla: hija tista' tressaq azzjoni quddiem il-qorti amministrattiva jew titlob l-istabbiliment ta' qorti ta' arbitraġġ fil-qasam fiskali u l-awtorità tat-taxxa għandha l-obbligu li tikkonforma ma' din id-deċiżjoni tal-persuna taxxabbli [23].

39. Għaldaqstant nistgħu nistaqsu jekk il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Arbitral Tributário għandhiex tiġi kkunsidrata bħala obbligatorja għall-partijiet sa fejn il-persuna taxxabbli — jiġifieri ġeneralment il-parti li bdiet il-proċeduri fil-qasam fiskali — ma hijiex obbligata li tressaq azzjoni quddiem dan il-korp iżda tista' tindirizza l-qorti amministrattiva. Is-sempliċi fatt li l-awtorità tat-taxxa hija obbligata li taċċetta l-għażla tal-qorti skont ir-rieda tal-persuna taxxabbli ma jidhirx li huwa deċiżiv peress li dan huwa parti inerenti mill-ġurisdizzjoni. Fil-fatt, meta rikorrent jagħżel il-qorti li għandha ġurisdizzjoni, kemm jekk ikun abbażi tad-dispożizzjonijiet legali kif ukoll jekk bi ftehim bejn il-partijiet, fiż-żewġ każijiet il-konvenut ma jistax jikkontesta b'mod validu din il-ġurisdizzjoni [24].

22 — Opinjoni li jaqbel magħha l-Avukat Ġenerali C.O. Lenz fil-konklużjonijiet tiegħu Handels- og Kontorfunktionærernes Forbund i Danmark (109/88, EU:C:1989:228), punt 21.

23 — Skont id-digriet Nru 112-A/2011, tat-22 ta' Marzu 2011 (Portaria nº 112-A/2011, de 22 de março de 2011, *Diário da República*, série I, nº 57), il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-arbitraġġ fil-qasam fiskali bbażata fuq l-Artikolu 4(1) tad-Digriet-Liġi Nru 10/2011 hija obbligatorja għall-awtorità tat-taxxa fil-kawżi fejn il-valur inkwistjoni jkun inqas minn EUR 10 000 000.

24 — Madankollu għandu jiġi nnotat li n-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tal-korp tar-rinviju għall-konvenut ġiet ikkunsidrat mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala element suffiċjenti sabiex tikkunsidra dan il-kriterju bħala ssodisfatt fis-sentenza tagħha Handels- og Kontorfunktionærernes Forbund i Danmark (EU:C:1989:383), punt 7.

40. Fil-fehma tiegħi, l-arbitraġġ fil-qasam fiskali kif jeżisti fil-Portugall għandu bħala karatteristika essenzjali, għall-eżami ta' din il-kwistjoni, li d-dritt tal-persuni taxxabbli fir-rigward tal-għażla tar-rimedji legali ma jirriżultax mill-inizjattiva tagħhom stess iżda mir-rieda tal-leġiżlatur li stabbilixxa żewġ sistemi differenti ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti mal-awtorità tat-taxxa. L-ebda waħda minn dawn is-sistemi meħuda individwalment ma hija obbligatorja iżda l-persuna taxxabbli għandha tagħżel waħda minnhom jekk tixtieq deċiżjoni ġudizzjarja għall-kontroversja li hija għandha mal-awtorità tat-taxxa. Fil-fatt, skont l-Artikolu 3(2) tad-Digriet-Liġi Nru 10/2011, il-preżentazzjoni ta' talba għall-istabbiliment ta' qorti tal-arbitraġġ teskludi d-dritt li tiġi kkontestata d-deċiżjoni tal-awtorità tat-taxxa taħt l-istess motivi quddiem il-qorti amministrattiva. Issa, skont l-Artikolu 24(1) tal-istess digriet-liġi, id-deċiżjoni tal-arbitraġġ deċiża fuq il-mertu torbot lill-awtorità tat-taxxa. Għalhekk, l-arbitraġġ fiskali ma huwiex rimedju legali supplimentari li għandha l-persuna taxxabbli iżda alternattiva ġenwina għall-qrati tradizzjonali. F'dan is-sens, inqis li r-rekwiżit tan-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tal-korp tar-rinviju huwa ssodisfatt [25].

– Natura kontradittorja tal-proċedura u applikazzjoni tar-regoli ta' dritt

41. L-Artikoli 15 sa 20 tad-Digriet-Liġi Nru 10/2011 jiddefinixxu l-prinċipji li japplikaw għall-proċedura quddiem il-qrati tal-arbitraġġ fil-qasam fiskali. Dawn il-prinċipji jiggarantixxu b'mod partikolari n-natura kontradittorja tal-proċedura u l-ugwaljanza tal-partijiet. Il-ksur ta' dawn il-prinċipji jista', skont l-Artikolu 28 tad-Digriet-Liġi, jikkostitwixxi raġuni għal rikors kontra d-deċiżjoni tal-arbitraġġ quddiem il-qorti amministrattiva.

42. L-Artikolu 2(2) tad-Digriet-Liġi Nru 10/2011 jipprovdi li l-qrati tal-arbitraġġ fil-qasam fiskali jiddeċiedu f'konformità mar-regoli ta' dritt u hija eskluża deċiżjoni bbażata fuq l-ekwità. Dan huwa wkoll evidenti, peress li dawn il-qrati għandhom l-għan li jeżaminaw, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-liġi, id-deċiżjonijiet amministrattivi fil-qasam fiskali.

43. Konsegwentement inqis li r-rekwiżiti — imposti mill-ġurisprudenza — dwar in-natura kontradittorja tal-proċedura u l-applikazzjoni tar-regoli ta' dritt mill-korp li jiddeċiedi huma, fil-każ tat-Tribunal Arbitral Tributário, issodisfatti b'mod inkontestabbli.

– Indipendenza

44. Ir-rekwiżit tal-indipendenza għandu jiġi eżaminat minn żewġ aspetti [26]. L-aspett estern jirrigwarda l-indipendenza tal-korp u tal-membri tiegħu minn persuni jew istituzzjonijiet li huma terzi fit-tilwima — setgħa eżekuttiva, korpi li huma fuq livell superjuri eċċ. L-aspett intern jirrigwarda l-imparzjalità tal-membri tal-korp fir-rigward tal-partijiet fit-tilwima u fl-assenza ta' interess personali fir-riżoluzzjoni speċifika tagħha.

45. Il-qrati tal-arbitraġġ fil-qasam fiskali ma jagħmlux parti mill-awtorità tat-taxxa u lanqas minn istituzzjonijiet oħra tas-setgħa eżekuttiva. Huma jirrappreżentaw element tas-setgħa ġudizzjarja u joperaw fi ħdan iċ-Centro de Arbitragem Administrativa (Ċentru għall-Arbitraġġ Amministrattiv u Fiskali), li jipprovdilhom servizz amministrattiv u tekniku. Huma indipendenti fid-deċiżjonijiet tagħhom u l-uniku obbligu tagħhom huwa li jirrispettaw il-liġi u l-ġurisprudenza tal-qrati amministrattivi, u bħala prinċipju d-deċiżjonijiet tagħhom huma definittivi u infurzabbli (ara l-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet).

25 — L-Avukat Ġenerali D. Ruiz-Jarabo Colomer esprima opinjoni simili fil-punt 29 tal-konklużjonijiet tiegħu Emmanuel (C-259/04, EU:C:2006:50). Fis-sentenza Broekmeulen (246/80, EU:C:1981:218), il-Qorti tal-Ġustizzja wkoll laqgħet id-domanda preliminari magħmula minn organu professjonali indipendenti minkejja l-fatt li r-rikorrent kellu l-possibbiltà, bħala alternattiva, li jressaq il-kawża quddiem il-qrati ordinarji (ara l-punt 15 tas-sentenza).

26 — Ara b'mod partikolari s-sentenza RTL Belgium, C-517/09, EU:C:2010:821, punti 39 u 40.

46. Dawn il-qrati tal-arbitraġġ fil-qasam fiskali jiddeċiedu f'kompożizzjoni ta' arbitru wieħed jew ta' tliet arbitri. L-Artikoli 6 sa 9 tad-Digriet-Liġi Nru 10/2011 jiffissaw il-metodi għall-ħatra tal-arbitri u r-regoli deontoloġiċi li jirregolawhom. Huma maħtura mill-Conselho Deontológico do Centro de Arbitragem Administrativa (Kunsill Deontoloġiku taċ-Ċentru għall-Arbitraġġ Amministrattiv) u magħżula mil-lista tal-arbitri stabbilita minn din l-istituzzjoni[27], jew eventwalment, mill-partijiet, f'liema każ dejjem tkun kompożizzjoni ta' tliet persuni, bil-president maħtur bi qbil maż-żewġ arbitri l-oħra jew, fl-assenza ta' qbil, mill-kunsill imsemmi preċedentement.

47. Peress li l-arbitri ma humiex imħallfin professjonisti, l-indipendenza personali tagħhom hija ggarantita fuq bażijiet differenti minn dawk li jirrigwardaw lill-imħallfin. B'mod partikolari, huwa diffiċli li wieħed jitkellem dwar permanenza tal-pożizzjoni peress li l-arbitri huma maħtura għal kawża speċifika li meta din tintemm r-rwol tagħhom jispiċċa wkoll. L-indipendenza tal-arbitri ġejja pjuttost mill-fatt li dawn huma persuni li għandhom pożizzjoni awtonoma u li l-funzjoni ta' arbitru ma hijiex l-attività professjonali prinċipali tagħhom. Huma għaldaqstant ma għandhomx inkwiet dwar il-konsegwenzi negattivi li jistgħu jħabbtu wiċċhom magħhom minħabba d-deċiżjonijiet tagħhom; dawn l-eventwali konsegwenzi fil-fatt u fi kwalunkwe każ ma għandhom l-ebda impatt fuq l-istatus professjonali u materjali tagħhom.

48. Għal dak li jirrigwarda l-imparzjalità tal-arbitri u tal-indipendenza tagħhom fil-konfront tal-partijiet fit-tilwima, l-Artikoli 8 u 9 tad-Digriet-Liġi Nru 10/2011 joffru garanziji analogi għal dawk li japplikaw għall-imħallfin professjonisti.

49. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq inqis li t-Tribunal Arbitral Tributário jissodisfa il-kriterju tal-indipendenza.

Sunt

50. It-Tribunal Arbitral Tributário għaldaqstant ma huwiex qorti tal-arbitraġġ maħtur fuq ir-rieda tal-partijiet. Bil-kontra, hemm lok, fl-opinjoni tiegħi, li jitqies bħala element li jagħmel parti minn sistema tal-qrati Portugiżi fuq l-istess livell bħall-qrati ġudizzjarji u amministrattivi. Il-partikolarità ta' din l-istituzzjoni hija biss li l-leġiżlatur Portugiż iddeċieda li jippermetti lill-persuni taxxabbli jissottomettu t-tilwimiet tagħhom kontra l-awtorità tat-taxxa quddiem qorti li tiffunzjona bl-istess mod iżda b'inqas formalitajiet, iktar rapida u b'inqas spejjeż meta mqabbla mal-qrati amministrattivi ordinarji. Din hija manifestazzjoni ta' tendenza, li ma teżistix biss fil-Portugall, għal inqas formaliżmu u għal semplifikazzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji billi jintużaw tekniċi u strumenti li jappartjenu għall-mekkaniżmi tar-riżoluzzjoni privata tal-kontroversji. Hija wkoll element ta' speċjalizzazzjoni tal-qrati u tal-imħallfin li hija neċessarja fil-kuntest tal-kumplessità dejjem tikber fir-relazzjonijiet soċjo-ekonomiċi u, għaldaqstant, anki fit-tilwimiet sottomessi lill-qrati. Dan l-approċċ, li jista' jissejjaħ post-modern tal-ġustizzja, huwa r-riżultat tal-iżvilupp tas-sistema ġudizzjarja u tas-sistema legali fit-totalità tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax ma tipperċepix dan l-iżvilupp iżda għandha tadatta, bħala konsegwenza ta' dan, il-prattiki tagħha, u għaldaqstant l-interpretazzjoni tal-Artikolu 267 TFUE.

51. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, inqis li t-Tribunal Arbitral Tributário għandu jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal ta' Stat Membru' fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Huwa fil-fatt jissodisfa r-rekwiżiti, imsemmija preċedentement, iffissati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Lanqas ma nista' nara raġunijiet oħra għalfejn għandu jiġi miċħud minn din in-natura. Argument supplimentari jidher, bil-kontra, li jiġġustifika tali konklużjoni: skont l-Artikoli 25 sa 28 tad-Digriet-Liġi Nru 10/2011, id-deċiżjoni ta' dan it-tribunal tista' tiġi appellata biss abbażi ta' difetti proċedurali, bħan-nuqqas ta' motivazzjoni jew l-inkompatibbiltà ta' din il-motivazzjoni mal-kontenut tad-deċiżjoni, l-assenza ta' deċiżjoni jew ksur tar-regoli ta' proċedura u, fir-rigward tal-mertu, biss f'każijiet eċċezzjonali ta' ksur

27 — Dan kien il-każ fil-proċedura fil-kawża prinċipali.

tan-normi kostituzzjonali jew tan-nuqqas ta' osservanza tal-ġurisprudenza tal-qrati amministrattivi. Konsegwentement, rifjut tal-possibbiltà li l-qrati amministrattivi fil-qasam fiskali jkunu jistgħu jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja jċaħħad lil din tal-aħħar minn parti sinjifikattiva mill-impatt fuq il-ġurisprudenza tal-qrati Portugiżi fil-qasam fiskali, jiġifieri, f'qasam li huwa ġeneralment armonizzat fid-dritt tal-Unjoni u li għandu effett dirett fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-individwi. Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali riskju jagħmel parti miċ-ċirkustanzi li jimmilitaw favur ir-rikonoxximent tal-ġurisdizzjoni tal-korp inkwistjoni sabiex ikun jista' jagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja [28].

52. Is-soluzzjoni li nipproponi dwar din il-kwistjoni tal-ammissibbiltà tad-domanda preliminari f'din il-kawża ma tippreżenta, bl-ebda mod, rimedju għal rinviji preliminari futuri li ġejjin minn persuni jew istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kuntest ta' metodi alternattivi għar-riżoluzzjoni tal-kontroversji, b'mod partikolari taħt forma ta' negozjati jew ta' medjazzjoni [29]. Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta — u dan indipendentement minn jekk jiġux jew le ssodisfatti kriterji oħra — li huma biss il-korpi li jiddeċiedu "fil-kuntest ta' proċedura li l-iskop tagħha huwa li twassal għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja" [30] li jistgħu jressqu kawża quddiemha skont l-Artikolu 267 TFUE. It-Tribunal Arbitral Tributário jissodisfa din il-kundizzjoni peress li huwa korp indipendenti mill-partijiet, li d-deċiżjonijiet tiegħu huma vinkolanti fuq dawn il-partijiet u li bħala prinċipju huma definittivi, l-istess mod bħalma huma d-deċiżjonijiet tal-qrati tradizzjonali. Il-proċedura quddiem it-Tribunal Arbitral Tributário ma għandhiex għaldaqstant bħala għan ir-riċerka ta' ftehim bejn il-partijiet u d-deċiżjoni mogħtija ma għandhiex in-natura ta' rakkomandazzjoni ta' natura mhux vinkolanti jew ta' opinjoni. Din il-karatteristika tiddistingwi b'mod ċar din il-qorti minn medjatur u minn organi oħra analogi.

*Fuq il-mertu*

53. Din il-kawża tkompli, f'ċertu sens mal-Kawża Optimus - Telecomunicações [31]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant għandha l-opportunità sabiex tikkompleta l-ġurisprudenza li bdiet permezz ta' din is-sentenza.

54. Għandu qabel kollox jiġi stabbilit liema huma d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 69/335 li japplikaw għall-fatti tal-proċedura fil-kawża prinċipali. Fil-fatt għandu jiġi kkonstatat li din id-direttiva, minħabba fl-emendi introdotti permezz tad-Direttiva 85/303, ma tipprovdix mudell ta' prattika leġiżlattiva tajba [32]. Il-qorti tar-rinviju ssemmi fid-domanda preliminari, fost dispożizzjonijiet oħra, l-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 69/335, iżda din id-dispożizzjoni ma jidhirx li tapplika fil-proċedura tal-kawża prinċipali. Il-partijiet ċertament ma jaqblux dwar il-kwistjoni tan-natura tal-operazzjonijiet ta' żieda tal-kapital eżaminati fil-proċedura fil-kawża prinċipali — jiġifieri dwar il-kwistjoni jekk kinux kontribuzzjonijiet fi

28 — Ara b'mod partikolari is-sentenza Broekmeulen (EU:C:1981:218), punt 16 kif ukoll is-sentenza Gourmet Classic, C-458/06, EU:C:2008:338, punt 32.

29 — Pereżempju dawk fil-kuntest tad-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2008, dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 136, p. 3).

30 — Ara b'mod partikolari d-Digriet Borker, 138/80, EU:C:1980:162, punt 4; sentenza Weryński, C-283/09, EU:C:2011:85, punt 44; sentenza Bełow, C-394/11, EU:C:2013:48, punt 39.

31 — Sentenza Optimus - Telecomunicações, C-366/05, EU:C:2007:366.

32 — Din hija wkoll l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali E. Sharpston, fil-Konklużjonijiet tiegħu Optimus-Telecomunicações, (C-366/05, EU:C:2007:58), punt 39.

flus jew b'mod ieħor [33] — iżda jibqa' konstanti l-fatt li dawn l-operazzjonijiet ma ħadux il-forma ta' "kapitalizzazzjoni tal-profitti jew ta' riżervi permanenti jew temporanji" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni tad-direttiva. L-operazzjonijiet kontenzjużi fil-proċedura tal-kawża prinċipali jaqgħu fil-kategorija "żieda fil-kapital ta' kumpannija kapitali bil-kontribuzzjoni ta' assi ta' kull tip", imsemmija fl-Artikolu 4(1)(ċ).

55. Il-qorti tar-rinviju ssemmi wkoll l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva. Madankollu din id-dispożizzjoni ma tistax tinqara indipendentement mit-tieni paragrafu tagħha, peress li huwa biss qari flimkien ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet li jistabbilixxi regola koerenti: skont is-sitwazzjoni legali fl-Istat Membru kkonċernat fl-1 ta' Lulju 1984, japplikaw l-ewwel jew it-tieni paragrafu tal-Artikolu 7. Jekk inqisu, l-istess bħalma tosserva l-qorti tar-rinviju, li l-proċedura fil-kawża prinċipali għandha bħala għan żieda fil-kapital bil-kontribuzzjoni ta' assi mhux fi qligħ kapitali — operazzjoni sottomessa għat-taxxa tal-boll [34] fil-Portugall, fl-1 ta' Lulju 1984 — għandu japplika l-Artikolu 7(2) [35].

56. Għalhekk il-problema legali mqajma f'din il-kawża tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 69/335 jippermettix l-introduzzjoni mill-ġdid tad-dazju fuq il-kapital fuq l-operazzjonijiet, imsemmija fl-Artikolu 4(1)(ċ) ta' din l-istess direttiva, li kienu sottomessi għal tali dazju fl-1 ta' Lulju 1984, iżda li sussegwentement kienu ġew eżentati minnu.

57. Id-Direttiva 69/335, fil-verżjoni oriġinali tagħha, kienet tiffissa l-prinċipji għall-applikazzjoni ta' dazju fuq il-kapital fuq l-operazzjonijiet li huma ddefiniti f'din l-istess direttiva. Skont l-Artikolu 4 tagħha, l-operazzjonijiet msemmija fl-ewwel paragrafu kellhom jiġu sottomessi għal dazju fuq il-kapital u l-operazzjonijiet imsemmija fit-tieni paragrafu setgħu jiġu sottomessi għaliha. L-Artikolu 7 tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq kien jiffissa r-rati fuq id-dazju fuq il-kapital. Madankollu, id-Direttiva 85/303 emendat kompletament it-test tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 69/335. Fir-rigward tal-operazzjonijiet li, fl-1 ta' Jannar 1984, kienu eżentati mid-dazju fuq il-kapital jew li kienu ntaxxati b'rata ta' 0.50 % jew inqas fl-Istati Membri, id-dispożizzjoni timponi l-eżenzjoni definittiva tagħhom [Artikolu 7(1)]. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-operazzjonijiet l-oħra, l-Istati Membri għandhom l-għażla: huma jistgħu wkoll jeżentawhom jew iżommu dazju fuqhom b'rata waħda li ma taqbiżx il-1 % [Artikolu 7(2)].

58. Fil-premessi tad-Direttiva 85/303, il-leġiżlatur Komunitarju ġġustifika dan id-dispożittiv billi sostna li d-dazju fuq il-kapital jikkawża preġudizzju għall-iżvilupp tal-impriżi u li l-aħjar għażla tkun għaldaqstant li jitneħħa; madankollu, sa fejn it-telf mid-dħul ikkawżat minn dan id-dazju jkun għal xi Stati Membri inaċċettabbli, kien lok li huma jkollhom il-possibbiltà li jkomplu japplikaw dan id-dazju b'rata waħda.

59. Għalhekk in-natura leġiżlattiva tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 69/335 inbidlet: huwa ma għadux jobbliga lill-Istati Membri jżommu dazju fuq il-kapital fuq l-operazzjonijiet elenkati hemmhekk, peress li dan l-obbligu effettivament tħassar permezz tal-Artikolu 7 tad-Direttiva, fil-verżjoni li tirriżulta mid-Direttiva 85/303, li tikkostitwixxi *lex posterior* fir-rigward tal-Artikolu 4(1). Issa din id-dispożizzjoni tindika biss id-diversi tipi ta' operazzjonijiet li japplikaw għalihom id-dispożizzjonijiet fil-qasam tad-dazju fuq il-kapital.

33 — Il-kumpannija Ascendi tiddikjara li l-konverżjoni f'kapital azzjonarju tad-djun tal-azzjonisti fil-konfront tal-kumpannija għandha titqies bħala żieda tal-kapital f'qligħ kapitali. F'dan il-każ, għandha tapplika direttament, f'din il-kawża, is-soluzzjoni tas-sentenza Optimus - Telecomunicações (EU:C:2007:366), li kienet preċiżament tirrigwarda l-konformità mad-direttiva tat-taxxa tal-boll fuq tali operazzjonijiet. Madankollu, il-qorti tar-rinviju jidher li tqis li l-operazzjonijiet kontenzjużi ma kinux jikkonsistu fi qligħ kapitali. Fi kwalunkwe każ din hija kwistjoni ta' evalwazzjoni tal-fatti, li għandha ssir mill-qorti tar-rinviju.

34 — Ara l-punt 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

35 — Ir-Repubblika tal-Portugall daħlet fil-Komunità Ewropea fl-1 ta' Jannar 1986 iżda, skont is-sentenza Optimus–Telecomunicações (EU:C:2007:366), punt 32, l-1 ta' Lulju 1984 tikkostitwixxi wkoll għal dan l-Istat id-data rilevanti għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 69/335.

60. Għadu jrid jiġi stabbilit jekk l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 69/335 jikkostitwixxix klawżola ta' standstill, li tippermetti biss lill-Istati Membri sabiex iżommu fis-seħħ it-taxxa applikabbli fl-1 ta' Lulju 1984 (bil-possibbiltà li tiġi aġġustata r-rata tagħha) jew jekk, kif jissuġġerixxi l-Gvern Portugiż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, jawtorizzax lill-Istati Membri jneħħu u jintroduċu mill-ġdid jekk iridu dazju fuq il-kapital, skont l-orjentazzjonijiet konkreti tal-politika fiskali tagħhom u tal-bżonnijiet baġitarji tagħhom.

61. Jien naqbel ferm mal-ewwel propożizzjoni. L-ewwel nett, kif jindikaw il-premessi tad-direttiva, ir-rieda tal-leġiżlatur kienet li jneħħi d-dazju fuq il-kapital, u l-possibbiltà li dan jinżamm kienet biss eċċezzjoni minħabba fil-biża' tat-telf ta' dħul mill-Istati Membri. Madankollu, jekk Stat Membru neħħa d-dazju fuq il-kapital, it-telf eventwali ta' dħul li jirriżulta minn dan il-fatt diġa' seħħ u għaldaqstant l-introduzzjoni mill-ġdid ta' dan id-dazju fuq il-kapital ma huwiex iġġustifikat fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur Komunitarju permezz tad-Direttiva 85/303.

62. It-tieni nett, din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 69/335 bħala klawżola ta' standstill hija kkorroborata permezz tal-loġika ta' din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari sa fejn hija tirreferi għas-sitwazzjoni ġuridika fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1984. Għalkemm il-leġiżlatur kellu l-intenzjoni li jħalli lill-Istati Membri l-libertà li jżommu fis-seħħ, ineħħu imbagħad eventwalment jintroduċu mill-ġdid dazju fuq il-kapital, huwa ma ssuġġettax tali għażla għaċ-ċirkustanza essenzjalment aċċidentali li dak id-dazju fuq il-kapital b'rata partikolari japplika effettivament fl-1 ta' Lulju 1984. Ir-riferiment għal din id-data preċiża jindika mingħajr dubju r-rieda tal-leġiżlatur li jintroduċi b'dan il-mod klawżola ta' standstill.

63. Għandu jiġi nnotat ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja adottat l-istess pożizzjoni, ċertament fil-kuntest tal-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 69/335, dwar sitwazzjoni legali daqsxejn differenti, fis-sentenza tagħha Logstor ROR Polska[36]. Fil-punt 39 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat b'mod ċar li "Stat Membru li kien irrinunzja skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 69/335, wara l-1 ta' Lulju 1984, li jissuġġetta ċerti operazzjonijiet għal dazju fuq il-kapital ma jistax jerġa' jistabilixxi tali tassazzjoni fuq dawn l-istess operazzjonijiet".

64. Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li, skont punt 26.3 tal-Anness III tad-Digriet-Liġi Nru 322-B/2001, l-operazzjonijiet kontenzjużi ta' żieda tal-kapital kienu suġġetti għal taxxa tal-boll ta' 0.4 %, jiġifieri għal rata li, kieku kienet applikabbli fl-1 ta' Lulju 1984, kienet twassal neċessarjament għat-tneħħija ta' dan id-dazju abbażi tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 69/335. Minkejja l-fatt li din ir-rata hija konformi mal-ittra tat-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu[37], huwa partikolarment diffiċli li tiġi rrikonċiljata l-introduzzjoni mill-ġdid ta' dazju b'dik ir-rata mal-loġika tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 69/335.

## Konklużjoni

65. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra r-rinviju preliminari tat-Tribunal Arbitral Tributário bħala ammissibbli u tagħti r-risposta segwenti għad-domanda rrinvijata:

Id-dispożizzjonijiet meħdua flimkien tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital, kif emendata bid-Direttiva 85/303/KEE, tal-10 ta' Ġunju 1985, u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 69/335/KEE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-introduzzjoni mill-ġdid, mill-Istat Membru, ta'

36 — Sentenza Logstor ROR Polska, EU:C:2011:404.

37 — Huwa jippermetti, infakkar, li tiġi applikata rata "li ma taqbiżx il-1 %".

dazju fuq il-kapital fuq l-operazzjoniijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1)(ċ) ta' din id-direttiva, li kienu suġġetti għal tali dazju fuq il-kapital fl-1 ta' Lulju 1984 iżda li sussegwentement kienu ġew eżentati minnha.